MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Numru. 138/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Jurgen Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jurgen Calleja iben Joseph u Josephine nee' Saliba mwieled Pieta fit-2 ta' Novembru 1989 u residenti 2, Triq Santu Rokku, Zurrieq, ID 546289 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Dicembru 2007 kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika

u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz legali 22 tal-1985 kif emendati.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti  bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Ikkunsidrat

Dwar il-htija, ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni ddikjaraw li waqt li kienet qed ssir search fuq l-imputat go stabbiliment gewwa Paceville, dan rema xi haga mal-art u cioe pillola li mir-relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li kienet pillola kontenenti MDMA, cioe ecstacy. Il-Pulizija kollha xehdu li l-imputat kien diehel fl-istabbiliment fuq saqajh.

Il-verzjoni tal-imputat hija li hu kien mal-hbieb tieghu go bar iz-Zurrieq u xorob hafna tant li ma jiftakar xejn izjed, hlief li sab ruhu d-depot tal-Pulizija – cioe m'ghandux amment li lanqas mar Paceville u jinnega li huwa, jabbuza minn xi droga u ma jafx kif il-pillola ecstasy spiccat ghandu.

Ghalkemm il-Qorti ma teskludix li l-imputat seta' kien xi ftit taht l-influwenza tax-xorb jew xi sustanza ohra u dan ma giex eskluz mill-Maggur Marisa Bartolo fix-xhieda taghha (a fol 28 tal-process), fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti ma jistax ikun li l-imputat tant kien fis-sakra li kien mitluf minn sensieh ghaliex kieku ma kienx ikun bil-wieqfa diehel fuq saqajh fl-istabbiliment.

Ghalhekk il-Qorti ssib il-verzjoni ta' l-imputat mhux kredibbli u li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-ligi penali.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata tal-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Inoltre, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta’ l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghal €157.59

Il-Qorti tordna li d-droga esebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------